# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 511/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Wayne Grima**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-appellant, Wayne Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 143183M akkuzat talli:

1. Fix-xahar ta' Frar 2010, fi Triq Haz-Zabbar, Rahal Gdid, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkaguna l-mewt ta' Vincenza Ellul minn Hal-Tarxien;

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti gravi fuq Vincenza Ellul skont kif iccertifikat Dr. Lara Attard Reg. No. 3011 mill-Isptar Mater Dei;

3. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza;

4. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta kellha brejkijiet difettuzi;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, Wayne Grima jkun skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan u sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 553 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat Wayne Grima hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' (4) snin minn dakinhar, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre, ordnat is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ta' Wayne Grima ghall-perjodu ta' tnax-il xahar u fit-termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, ordnatlu jhallas minnufih lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra ta' l-esperti nominati u cioe' €111.11 (SOCO PS 964 Robert Scicluna), €160.89 (Perit Richard Aquilina), €359.30 (Dr. Mario Scerri), €490.33 (Medico Legal

Post Mortem Examination Report), u €1458.77 (Mario Buttigieg).

Rat ir-rikors tal-appellant Wayne Grima, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah minnhom, jew **sussidjarjament tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellant u tal-abbli avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw investiment ta' persuna anzjana permezz ta' vettura misjuqa mill-imputat waqt fi trieqtu f'Zabbar Road, Rahal Gdid, liema persuna kienet qed taqsam it-triq fejn ma kienx hemm *zebra crossing,* sofriet offizi ta' natura gravi u mietet tmintax-il jum wara. Jemergi mill-atti b'mod inkontestat illi t-triq hija wahda principali, li kien l-imputat li qed isuq il-vettura u li ma hemm ebda sinjali f'din il-parti tat-triq li jimponu limitazzjoni ta' velocita 'l hinn minn dak

generalment stabbilit bil-ligi jew sinjali ohra biex jindikaw attenzjoni partikolari;

2. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami dwar l-apprezzament tal-provi u b'mod alternattiv b'aggravju dwar il-piena erogata. Isegwi ghalhekk li din il-Qorti taghmel ezami approfondit tal-provi mhux biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid jew sabiex tara kif kienet tiddeciedi l-kawza hi, izda biss bil-ghan li tiggudika jekk il-Qorti tal-ewwel grad setghetx ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha fl-isfond ta' dawk il-provi;

3. L-ewwel fost il-provi hemm il-*proces verbal* redatt mill-Magistrat Inkwirenti u prezentat mir-Registratur tal-Qorti waqt l-istruttorja. Is-segwenti huma sintesi tal-konkluzzjonijiet raggunti mill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti;

4. L-espert medikolegali Dr. Mario Scerri wara li ghamel ezamijiet medikolegali fuq il-persuna tal-anzjana waqt li kienet tinsab ghall-kura gewwa l-isptar kif ukoll fuq il-kadavru wara d-decess taghha rrelata illi Vincenza Ellul kienet ddahlet l-isptar f'qaghda kritika wara *head injury* kawza ta' incident tat-traffiku. Il-kondizzjoni taghha baqghet tidditerjora sakemm eventwalment mietet fin-Neuro Surgical Unit tal-Isptar Mater Dei. L-anzjana qatt ma giet f'sensieha waqt li kienet l-isptar u kkonkluda li ma kienx hemm evidenza ta' traskuragni, *mismanagement* jew negligenza da parti tat-team mediku ta' l-isptar Mater Dei. Irid jinghad illi matul il-process sia quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll dik istanti, ma kien tqajjem l-ebda dubju li l-anzjana mietet kawza ta' dan l-incident u ta' ebda konkawza ohra;

5. Il-perit arkitett Richard Aquilina, nominat bhala espert tekniku (u mhux kif erronjament indikat fil-*proces verbal* bhala espert mediku legali a fol 19), wara li acceda fuq il-post tal-accident u ha l-mizuri relevanti, rrediga pjanta tas-sit li fuqha tidher it-triq in kwistjoni priva minn kwalsiasi sinjali hlief ghall-Bus Stop fuq kull naha taghha li m'humhiex opposti ghall-xulxin. Tidher il-vettura tal-imputat wieqfa f'Bus Bay u zewg settijiet ta' marki ta' brejks. Mill-iskala provduta mill-espert fuq il-pjanta minnu redatta, l-ewwel sett ta' marki huma twal 14-il metru u huma f'zewg linji parallelli. It-tieni sett ta' marki huma ta' tul differenti minn xulxin u jibqghu sejrin ghal-taht ir-roti ta' quddiem tal-vettura tal-imputat, jigifieri dik tal-lemin ftit anqas minn 6 metri filwaqt illi dik tax-xellug 5.5 metri. It-tnejn ukoll huma paralleli ghall-xulxin u dik tal-lemin tibda nofs metru qabel dik tax-xellug. Bejn iz-zewg settijiet ta' marki hemm distanza ta' 3.5 metri. L-ewwel sett ta' marki huma wiesgha 1.2 metri filwaqt illi t-tieni sett li jibqghu dehlin taht il-vetturi huma ta' metru (kejl mehud minn naha ta' gewwa tal-marki, jigifieri eskluzi il-hxuna tar-roti);

6. L-istess pjanta turi "Zewg irqajja zaghar ta' demm" mmarkata bl-ittra 'C' u "Bicciet tal-mera" bl-ittra 'D'. Dawn jinsabu cirka tlett kwarti tad-distanza tas-sett tal-brakes it-twal u cirka nofs id-distanza bejn bankina u ohra b'dan illi ghandu jkun osservat illi qed issir referenza ghall-bankina tal- Bus Bay, haga din li turi li l-anzjana qasmet mill-aktar parti wiesgha tat-triq minflok mill-iktar parti dejqa stante li l-Bus Bay naturalment tippresta konfigurazzjoni differenti mill-kumpament tat-triq. Annessa ukoll hemm *site plan* ufficjali li tindika l-post tal-accidenti;

7. Il-Prof. M. T Camilleri u Dr. Ali Salfraz hejjew rapport dwar l-awtopsja sussegwenti l-mewt ta' Vincenza Ellul. Stante li ma hemmx kontestazzjoni li d-decess kien kawza diretta tal-accident, il-kostatazzjonijiet u konkluzzjonijiet mhux qed ikunu riprodotti;

8. PS 964 Robert Scicluna kien nominat bhala Scene Of Crime Officer biex jiddokumenta s-sit tal-accident permezz ta' fotografija u in adempiment tal-inkarigu tieghu esebixxa 28 ritratt ta' dehriet generali u ohrajn partikolari. Fost dawn ir-ritratti hemm sensiela ta' marki ta' brakes jew tyre marks (id-distinzjoni ghandha tirrizulta mill-espert tat-traffiku li sintezi dwarha ssegwi wara dan il-paragrafu). Hemm ukoll ritratt tal-faccata tal-vettura bil-parti tal-lemin isfel nett tal-*windscreen* mkisser pero' ghadu f'postu b'mod li dik il-parti ghandha sembjanza ta' ghanqbuta. Il-faccata tal-vettura hija wahda catta ghaliex dan huwa vann u ghalhekk il-bumper u l-*headlamp assembly* huma mahrugin ftit aktar mill-*windscreen* ghad-differenza ta' vettura li jkollha bonnett fit-tul. L-*indicator cover* fil-*headlamp assembly* tal-lemin huwa miksur u l-bieba tax-xufier, igifieri dik tal-lemin ghandha mesha friska fuqha mit-tarf tal-*indicator cover* sat-tarf taghha taht il-manku. Il-mera tal-bieba tal-lemin mhix prezenti ghajr il-*bracket* taghha a differenza ta' dik tax-xellug fejn tidher intatta;

9. L-ahhar sintezi ta' relazzjoni minn fost l-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti hija dik tal-espert tekniku li ghamel analizi approfondita tal-accident wara accertamenti fuq il-post kif ukoll smiegh tax-xhieda. Kif jirrizulta mill-qari tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti strahet maggorment fuq il-konkluzzjonijiet ta' dan l-espert u ghalhekk ikun opportun li dawn ikunu riprodotti fl-intier taghhom. L-espert ikkonkluda hekk:

*Illi dan l-allegat incident stradali sehh go Triq Zabbar, Rahal il-Gdid meta Wayne Grima kien qed isuq vettura u cioe' Piaggio mudel Porter li ghandha numru tar-registrazzjoni KAK-766. Illi kien it-tmienja (08) ta' Frar, 2010, ghal habta tal-hamsa u ghaxra (17:10 hr) ta' wara nofs in-nhar u skond l-evidenza li l-esponent kellu f'idu u anke meta l-esponent ghamel l-access it-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-visibilita kienet tajba, waqt li t-triq kienet xotta. Illi waqt l-allegat incident is-sewwieq kien wahdu. Illi hu kien allegatament sejjer lejn il-pjazza ta' Rahal il-Gdid.*

*Illi minn naha l-ohra Vincenza Ellul kienet qed taqsam it-triq. Dak in-nhar Ellul kienet qed taqsam minn wara xarabank tal-linja li kienet wieqfa fuq il-bus stage. Illi waqt li kienet qed taqsam hi giet milquta minn vettura li kienet ghaddejja mill-inhawi u li kienet qed tigi misjuqa minn Wayne Grima.*

*Illi l-incident sehh fil-vicinanzi tad-dar tas-sorijiet ta' San Guzepp li hemm f'din it-triq. Intant meta Ellul kienet qed taqsam giet imtajra u sussegwentement waqghet vicin tal-vettura. Illi b'konsegwenza il-vettura sofriet hsarat minimi fuq quddiem u cioe' fuq il-"A" pillar, bieba, indicator light u l-windscreen. Bid-daqqa Ellul sofriet griehi ta' natura gravi u konsegwentement ftit wara tilfet ukoll hajjitha.*

*Illi dak in-nhar stess it-tabib tal-isptar Mater Dei informa lill-Pulizija li Vincenza Ellul kienet fil-periklu tal-mewt. Illi immedjatament is-surgent informa l-ispettur investigattiv li minn naha tieghu informa lill-Magistrat tal-Ghassa.*

*Illi meta l-esponent kien fuq il-post osserva li l-vettura numru KAK-776 halliet wiehed u ghoxrin punt tlieta hamsa (21.35) metru brake marks.*

*Illi hareg manifestament car li mill-kalkoli li ghamel l-esponent jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura kien qed isuq b'velocita' ta' sittin (60kfs) kilometru fis-siegha. Illi x-hin allegatament lemah lil Ellul li kienet qed tasam it-triq Wayne Grima ghafas il-brejkijiet u l-velocita' tal-vettura ddecellerat u fil-fatt il-vettura nvoluta laqtet lil Vincenza Ellul b'velocita' ta' erbgha w erbghin (44kfs) kilometru fis-siegha.*

*Illi meta l-esponent ipprova l-vettura rrizulta manifestament car li l-brejkijiet kienu difettuzi u li kienet qed tigbed fuq naha wahda.*

*Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent, ghalkemm Wayne Grima kien qed isuq b'velocita permessibbli bil-ligi illi pero meta wiehed jiehu inkonsiderazzjoni tal-akkwati Grima kellu jnaqqas ferm aktar il-velocita tieghu waqt li hu kien ghaddej f'din it-triq. Ghaldaqstant l-esponent qieghed umilment jikkonkludi illi hemm bizzejjed elementi sabiex jittiehdu passi kriminali kontra Wayne Grima u dan hekk kif dedott hawn isfel –*

*1. Illi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna l-mewt ta' Vincenza Ellul u dan ai termini ta' sezzjoni 225 tal-Kodici Kriminali;*
*2. Illi saq vettura ta' ghamla Piaggio mudell Porter li ghandha registration number KAK-776 b'manjiera traskurata u perikoluza u dan ai termini ta' sezzjoni 15(1)(a)(3);*
*3. Li kellu brejkijiet difettuzi u b'dan ai termini tal-artikolu 92 tal-avviz legali numru 65.11*

10. Issegwi issa sintesi tal-aktar xhieda mportant li ddeponew quddiem l-ewwel Qorti b'eskluzzjoni allura ta' dawk li ghalkemm

utili fi kwistjoni bhal dik odjerna izda ftit jekk xejn jitfghu dawl fuq ir-responsabilita' o meno tal-imputat. Il-Perit Tekniku **PL Mario Buttigieg** xehed illi l-imputat kien ghaddej bis-60 kfs qabel ma ghafas il-brake u laqat lill-anzjana b'4 kfs [evidentement it-traskrizzjoni hi hazina ghaliex fir-relazzjoni tieghu tghid 44 kfs). Jghid ukoll illi fit-triq in kwistjoni hemm skola, playing field u zewg *pedestrian crossing* u li l-Highway Code jispecifika illi gewwa *core* ta' belt jew inkella *village* l-ispeed irid jonqos bil-massimu ta' 35 kfs u anke jekk hemm bzonn anqas minn hekk. Kwantu ghall-hsara fil-breakijiet jghid illi meta saq il-vettura din gibdet fuq naha wahda u ghalhekk "*jirrizulta awtomatikament illi ic-cylinder break tal-wheels cylinder ikun qed jahdem qabel l-iehor*" u mistoqsi jekk l-breakijiet kienu fi stat li jahdmu tajjeb, din it-tragedja setghet tkun evitata, wiegeb illi din ma hadhiex in konsiderazzjoni;

11. Il-**Perit Richard Aquilina** ikkonferma illi fuq naha minnhom ta' din it-triq hemm skola. Dwar marki fit-toroq, kien mistoqsi kif hemm assenza totali taghhom fil-pjanta li hejja u wiegeb illi hu mmarka dak li sab fuq il-post u li ma kien hemm l-ebda *road signage* u li ma kien hemm xejn vicin li seta kien rilevanti hlief xi tabelli li jindikaw li ma hemmx dhul fuq ix-xellug jew fuq il-lemin. Jispecifika ukoll illi faccata tal-iskola it-triq titwessa ghaliex hemm *bus shelter.* Dawn kienu ix-xhieda mill-aspett tekniku ghajr dik tal-espert mediko legali, dik tal-patologisti u tobba kif ukoll tal-fotografu li mhux ser ikunu riprodotti stante li l-offizi huma inkontestati;

12. **Maria Mills Muscat** xehedet illi kienet ghaddejja minn dik it-triq bil-vettura taghha u li qatt qabel ma kienet ghaddiet minnha izda waqfet wara tal-linja li kienet fuq Bus Stop. Waqt li kienet qed tkellem liz-zewg it-tfal taghha, rat mara mal-art fit-

triq minghajr ma taf x'gara. Qabel ittajjret ratha miexja izda ma tafx jekk ghaddietx minn quddiemha jew le ghaliex ma tafx minn fejn qasmet;

13. L-istess xhud kienet ddeponiet quddiem l-espert tekniku ftit wara l-accident u tajjeb li jkun riprodott estratt minn din ix-xhieda fejn kien registrat is-segwenti: "Hekk kif jien kont qed nitkellem smajt lis-sewwieq tal-Piaggio jghid li tajjar mara. Jiena bhala incident ma rajtux u lanqas naf minn fejn qasmet din il-mara. Lanqas qatt ma rajtha lil din il-mara anzjana taqsam jew timxi fuq il-bankina. Bhala brake jew daqqa jien ma smajtx. Jien kull ma rajt din il-mara mitluqa fit-triq. Osservajt li rasha kienet thares lejn il-bus stage li hemm fuq in-naha l-ohra. Meta rajt din ix-xena jien ippanikjajt ftit u bdejt ninkwieta ftit ... u ma xtaqtx li hu [it-tifel] jara dik i-xena.".

14. **L-imputat** xehed quddiem l-ewwel Qorti sitt snin wara l-accident u ddeskriva kif kien gej bil-vettura tieghu mill-Fgura u sejjer Rahal il-Gdid meta ra karozza tal-linja gejja mid-direzzjoni opposta u wieqfa. Appena wasal mal-wara tal-linja u kien kwazi qabizha l-anzjana harget tigri rasha 'l isfel dirett ghal go fih u din ma qasmitx dritt. (Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, l-imputat kien qed jispjega li l-anzjana qasmet it-triq rasha baxxuta u mhux rasha 'l isfel). Bl-impatt il-mera ttajret bi spallet is-Sinjura "u daqqa go rasha mal-windscreen tal-vann, igifieri prattikament issabtitli mall-vann, mhux gietni quddiem il-vann". Jispjega illi x'hin raha gejja zamm il-break u gibed "l-oppost taghha biex jevitaha izda baqghet tippersisti, tigri rasha l isfel ghall-quddiemi". Spjega ukoll illi hemm Bus Stop fuq kull naha tat-triq b'mod illi jekk ikun hemm karozza tal-linja wieqfa fuq kull naha ma tkunx tista' tghaddi. Jghid li kien ghaddej bil-35 kfs u dan ghaliex f'dik it-triq ma tistax timxi b'aktar minn

hekk u anke gieli tigi x-xemx f'ghajnejk u l-vann tieghu ma jiehux dak l-ispeed;

15. L-imputat jghid illi ghalkemm hemm skola it-tfal johorgu mit-triq ta' wara u mhux fit-triq in kwistjoni. Kwantu ghal dak li ntqal fuq il-brakijiet tieghu jghid li kien ghadu kemm ghadda l-vann mill-VRT bejn xaharejn jew tlieta qabel u qatt ma rriskontra problemi fihom. Huwa baqa' jinsisti fil-kontro-ezami tieghu illi l-ewwel darba li ra lill-anzjana kien meta ssabtitlu mal-vann bhal berqa u gibed fuq naha ghaliex ma rahiex taqsam. Meta rega' mistqosi qal illi ghall-ewwel haseb li tefawlu xi qattusa, ra "xi haga griza tissabbat quddiem il-vann u daqshekk. Ghafast il-brake u ghafast hawnhekk. Inzilt ghedtilha sinjura u ma kellmitni xejn". Wara li saret referenza ghad-deposizzjoni tieghu quddiem l-espert tekniku, l-imputat kkonferma illi ra lill-anzjana taqsam b'rasha baxxuta bil-pass mghaggel, ghafas il-brake, dawwar l-isteering ghall-fuq ix-xellug u habtet mal-mara, izda din hija l-istess verzjoni. Kullma jiftakar hu li ra xi haga griza u li l-anzjana kellha xagharha griz;

16. L-imputat xehed ukoll dwar it-tul tal-marki tal-brakes u intalab jispjega kif dawn itulu ghall-21.35 metri meta jghid li kien qed isuq bil-35 kfs u qal li dawk il-vannijiet minnhom jibqghu ikaxkru u li ma jistax jinghad liema huma l-marki tal-brakijiet tieghu ghaliex kien hemm hafna ohra fuq il-post. Cahad li l-vann tieghu kien jigbed fuq naha bl-ghafsa tal-brake. Itemm jghid l-imputat illi gimgha jew gimghatejn wara l-accident kienet stallata *zebra crossing* fil-post ezatt fejn sar l-impatt;

17. L-imputat kien offra d-deposizzjoni tieghu lill-espert tal-Qorti waqt l-inkjesta. Din ma kienitx kontestata mid-difiza u ghalhekk huwa opportun li tkun ukoll riprodotta l-aktar parti rilevanti. Dak inhar, l-imputat kien spjega hekk: "*Sabiex*

*nippreciza ezatt peress li hemm zewg bus stages f'din it-triq faccata ta' xulxin, ix-xarabank tal-linja waqfet fuq in-naha tal-lemin tat-triq minn fejn jien kont qed nghaddi. Meta tal-linja kienet wieqfa il-persuna qasmet minn wara tal-istess linja. Ma nafx jekk din il-persuna kienitx fuq tal-linja ghax meta rajtha taqsam jien ghafast il-breaks. Jien gbidt l-isteering fuq in-naha tax-xellug bil-breaks taht saqajja. Jien lill-pedestrian rajtha taqsam b'rasha baxxuta u b'pass mghaggel. Infatti kien hemm sewwieqa ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta li kienet wieqfa wara tal-linja u rat l-incident isehh. Din il-persuna qaltli li hi kienet daqqitilha l-horn biex ma taqsamx. Il-pulizija ghandha dettalji kollha ta' din il-persuna.*

18. **Henry Glenville**, xhud okulari, qal illi ra l-accident u kien cempel ghall-ambulanza meta kien bil-wieqfa f'Lampuka Street, kantuniera ma' Zabbar Road madwar ghaxar metri boghod. Jghid illi dak il-hin kien hemm tal-linja wieqfa u f'daqqa wahda harget mara li ghaddiet minn wara tal-linja. Dak il-hin kellu l-vizwali tal-parti ta' wara tal-karozza tal-linja, jigifieri ma kienx qed jara l-parti ta' quddiem taghha. Huwa spjega kif l-anzjana bdiet taqsam qisa qed taqsam minn fuq *zebra crossing* u b'mod angolat mhux ghad-dritt. Dak il-hin kien gej vann, prova jevitaha, zamm il-brake u f'daqqa wahda jisma' hoss. Kwantu ghall-velocita' ma setghax jghid bl-ezatt izda kkalkula li kien ghaddej bejn il-hamsa u tletin u l-erbghin u li ma kienx xi speed qawwi anke ghaliex dan hu vann zghir. Mistoqsi x'ghamel ezatt l-imputat, spjega illi zamm il-brake, kiser xi ftit l-isteering biex ma jolqothiex, pero' l-mara baqghet diehla fuq il-vann;

19. Ikkunsidrat:

20. L-ewwel argument li l-appellant iressaq ghall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti hu li dwar iz-zewg xhieda okulari, Maria Mills Muscat u Henry Glenville kif ukoll id-

deposizzjoni tal-imputat, l-ewwel Qorti qalet biss li dawn taw numru ta' verzjonijiet. Skond l-appellant dan ma huwiex il-kaz ghaliex filwaqt illi Maria Mills Muscat ma setghetx tghid x'sehh, sia Henry Glenville kif ukoll l-imputat taw verzjonijiet simili li juru kienet l-anzjana li "qasmet it-triq bl-addocc u li l-appellant ma kellux hin bizzejjed sabiex iwaqqaf il-vettura tieghu". L-appellant hu tal-fehma assodata li l-ewwel Qorti "donnu skartat dawn ix-xhieda kollha stante' ma tat l-ebda importanza ta' x'qalu quddiemha **alavolja huma kienu l-izjed provi indikattivi illi setghu jghinu lill-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni ta' x'verament sehh dakinhar**";

21. L-appellant jorbot dan l-argument mal-fatt illi l-ewwel Qorti, minflok ma kkunsidrat dak appena msemmi, kkunsidrat il-lok ta' fejn sehh l-incident u l-*ispeed* li bih kien ghaddej l-imputat. Issa, ezaminata s-sentenza appellata mill-ottika ta' dan l-argument huwa opportun li jkunu riprodotti il-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti sabiex ikun mistharreg jekk dak allegat mill-appellant setghax kien konducenti ghall-ragunament zbaljat tal-istess Qorti. L-ewwel Qorti rragunat hekk:

> "Ikkunsidrat
>
> Illi dwar il-feriti li sofriet Vincenza Ellul, jirrizulta ampjament li konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza, hija sofriet feriti gravi (ara certifikati medici *a folios* 9 u 10; id-deposizzjoni tat-Tabiba Lara Attara *a folio* 52 *et seq*). Sussegwentement, u konsegwenza ta' l-istess incident awtomobilistiku (***intracerebral haemorrhage due to motor vehicle accident***0, Vincenza Ellul mietet fis-26 ta' Frar 2010 (ara depozizzjoni tal-Professoressa Maria Therese Camilleri u Dr. Ali Safrax *a folio* 79 *et seq*, u *folio* 85; u *post mortem examination report* li jinsab pagna 55 *et seq* ta' l-atti ta' l-

inkjesta; ukoll id-deposizzjoni tat-Tabib Mario Scerri *a folio* 87 *et seq* u r-relazzjoni tieghu li tinsab pagna 28 *et seq* ta' l-atti ta' l-inkjesta).

Dwar fatturi indikattivi ta' kif seta sehh l-incident *de quo*, il-Qorti ghandha quddiemha numru ta' verzjonijiet fosthom ta' zewg xhieda okulari, Maria Mills Muscat u Henry Glenville u ta' l-imputat inniffsu.

Imbaghad il-Qorti ghandha wkoll quddiemha l-prova maghmula permezz tar-rapport ta' l-esperti nominati fl-inkjesta fosthom il-Perit Richard Aquilina u Mario Buttigieg.

Gie stabbilit illi l-incidnet sehh f'Zabbar Road, Rahal Gdid, fl-akkwati fejn hemm gnien u l-Iskola tas-Sorijiet ta' St. Joseph u precizament fejn hemm zewg *bus stops* kwazi faccata ta' xulxin. L-imputat kien qed isuq il-vettura in kwistjoni go Zabbar Road, fejn it-triq hija dritta u l-vizwali hija tajba – sejjer fid-direzzjoni tal-pjazza ta' Rahal Gdid. Fl-istess hin, jidher li, fuq in-naha opposta, jigifieri fuq il-kareggjata opposta, kien hemm xarabank fuq il-*bus stop* thares fid-direzzjoni lejn il-Fgura (jigifieri fuq in-naha ta' l-Iskola tas-Sorijiet). Jidher illi f'mument minnhom, l-anzjana Vincenza Ellul qasmet it-triq minn wara l-imsemmija xarabank, minn naha ta' l-Iskola tas-sorijiet lejn in-naha tal-gnien. Hija u taqsam Vincenza Ellul intlaqtet mill-vettura misjuqa mill-imputat. Vincenza Ellul instabet f'nofs ta' triq minduda fuq gembha mghottija b'kutra. Fin-nofs tat-triq gie osservat li kien hemm ammont ta' hgieg imkisser mal-art.

Irrizulta li qabel l-impatt, l-imputat kien osserva x-xarabank wieqfa fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq u osserva, anke jekk momentanjament, lill-anzjana Vincenza Ellul qed taqsam b'rasha baxxuta. Qabel l-impatt il-vettura kienet qed tigi

misjuqa b'velocita ta' 60km fis-siegha u l-impatt jidher li sehh meta l-anzjana kienet lahqet qasmet kwazi tlett kwarti tat-triq.

Irrizulta (ara relazzjoni tal-espert nominat Mario Buttigieg) illi l-vettura KAK-776 halliet *brake marks* ta' 21.35 metri. Irrizulta wkoll illi l-vettura msemmija kellha l-*braking system* li ma kienitx qed torbot tajjeb.

Il-Qorti qieset fid-dettall il-fatturi koncernanti l-akkwata ta' fejn sehh l-incident, fid-dawl tar-rizultanzi processwali gia hawn fuq esposti. U hija tal-fehema li sewqan b'60km fis-siegha f'dawk l-inhawi, fejn ghandek zewg *bus stops* faccata ta' xulxin u meta effettivament ghandek fil-vizwali tieghek xarabank wieqfa fuq il-karreggjata opposta, ghandu jigi meqjus bhala sewqan perikoluz u negligenti.

Il-fatti li Vincenza Ellul qasmet minn wara xarabank, ghalkemm jista' jitqies bhala fattur li seta' kkontribwixxa ghal dak li sehh fl-incident in kwistjoni, zgur pero' ma huwiex il-fattur ewlieni u determinanti u l-konsegwenza unika ta' l-incident. Il-kawza ta' l-incident ghalhekk, mill-ottika tal-ligi penali, hija s-sewqan kontra l-ligi u traskurat ta' l-imputat.

Jirrizulta ghalhekk mill-atti processwali li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjoijiet kollha migjuba fil-konfront ta' l-imptuat."

22. Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jidher illi d-decizzjoni tal-ewwel Qorti hi radikata minn abbraccament tal-konkluzzjonijiet tal-espert Mario Buttigieg bi ftit jew xejn kunsiderazzjoni ghad-deposizzjoni tax-xhieda okulari. Dak li kkonkluda l-espert tekniku huwa soggett ghal ezami ta'

kongruenza mal-assjem tal-provi l-ohra inkluz allura ta' xhieda. Dan qed jinghad ghaliex meta din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-relazzjoni tal-espert tekniku jidhrilha li hemm aspetti ferm importanti li kellhom ikunu sindikati mill-ewwel Qorti qabel tabbraccja l-konkluzzjonijiet *in toto*. Jibda biex jinghad illi kif ta' spiss esprimiet din il-Qorti kif preseduta f'kawzi ohra, l-proceduri penali isiru fl-awli tal-qrati u mhux fl-ghases tal-pulizija , fit-toroq jew band'ohra. Konkluzzjonijiet ta' esperti teknici fl-*in genere* ghandhom ikunu limitati ghal dak li kkonstataw huma per via ta' preservazzjoni, mghoddija lill-Qorti li hi afdata bil-guddizzju ahhari taghha wara li tezamina l-fatti kollha tal-kaz u taghti l-opportunita' li jinstemghu ix-xhieda;

23. Ventilat dan, l-ewwel kritika ta' din il-Qorti kwantu d-deposizzjoni tal-espert tekniku meta quddiem l-ewwel Qorti xehed illi fit-triq in kwistjoni "... hemm skola, hemm playing field, kien hemm xi pedestrian crossing, hemm tnejn" (Fol 64). Mill-atti processwali, maggorment mir-relazzjoni tal-perit arkitett Richard Aquilina, rrizulta li ma hemm l-ebda "pedestrian crossing" fl-immedjat fejn sar l-incident. Inoltre, l-unika senjalatika li kien hemm kienet Bus Stop fuq kull naha tat-triq u forsi xi tabella li ma hemmx dhul fuq naha jew fuq ohra. Kif allura, tistaqsi din il-Qorti, sewwieq fi triq li hi arterja principali ghandu jkun jaf li fl-inhawi hemm "playing flield", skola, jew xi haga ohra li ghandha tlissen fih l-obbligu ta' aktar attenzjoni inkluz riduzzjoni ta' velocita' skond il-kaz? Tistaqsi ukoll din il-Qorti ghaliex l-espert ta daqstant importanza ghall-presenza ta' l-iskola meta l-hin tal-incident kien ghall-habta tal-hamsa u ghaxra ta' filghaxija meta huwa komunement mifhum li l-iskejjel f'dak il-hin ikunu mghaluqin?

24. Marbut ma' dan, u tenut li l-ewwel Qorti strahet maggorment fuq il-konkluzzjonijiet tal-espert, hemm il-kwistjoni

tal-marki tal-brakijiet. A fol 17 tar-relazzjoni tieghu, (fol 77) tal-atti processwali, l-espert rregistra li kien stabbilit li l-vettura halliet wiehed u ghoxrin punt tlieta hamsa (21.35) metri *brake marks*. Minn hemm 'l quddiem l-espert ghamel il-kalkoli tieghu biex ikkonkluda li allura l-vettura kienet ghaddejja bis-60kfs, laqtet lill-anzjana b'velocita' ta' 44kfs u li l-vettura damet **<u>0.14</u>** ta' sekonda biex waqfet minn meta s-sewwieq applika l-brakijiet sakemm waqqfet totalment. (sottolinear tal-Qorti);

25. Issa meta mqabbla mar-relazzjoni tal-perit Richard Aquilina u mad-deposizzjoni tal-imputat, tabilhaqq li jitlissnu s-segwenti dubji. Fil-pjanta mhejjija mill-Perit Aquilina hemm zewg settijiet ta' marki ta' brakijiet. Ghandek tnejn paralleli mmarkati 1 sa 4 u 6 sa 9. Dawn jibdew sew qabel il-punt ta' fejn spiccat l-anzjana u l-mera igifieri 10 metri qabel u jibqghu sejrin sa cirka 4.5 metri wara. L-itwal fost dawn huwa ta' 14-il metru. Imbaghad ghandek sett iehor mmarkati 5 u 10, ukoll paralleli ghall-xulxin (ghalkemm konvergenti bi ftit fil-bidu) li jibqghu sejrin sa taht ir-roti ta' quddiem tal-vettura tal-imputat. Dawn huma ta' kejl ta' 6 metri fuq il-lemin u 5.5 metri fuq ix-xellug. Bejn dawn iz-zewg brake marks, igifieri dawk paralleli 1 sa 4 u 6 sa 9 u dawk li jibqghu sejrin sa taht il-vettura hemm distanza ta' triq minghajr marki ta' brejkijiet 3 metri fuq il-lemin u 3.5 metri fuq ix-xellug. Ifisser dan, illi jekk tghodd iz-zewg marki flimkien hemm 20 metru fuq il-lemin u 19.5 fuq ix-xellug. Il-figura totali ta' 21.35 raggunta mill-espert allura tehtieg spjegazzjoni;

26. Dan qed jinghad mhux ghax hemm diskrepanza ta' 1.35 metri, **izda** ghaliex l-20 metru huwa rizultat ta' meta tghaqqad iz-zewg marki flimkien dejjem jekk l-ewwel sett ta' marki jappartjenu lill-vettura misjuqa mill-imputat u jekk dan hux teknikament accettabbli. U din il-Qorti hi tal-fehma li din mhix

accettabbli ghas-segwenti ragunijiet. L-ewwel sett ta' brake marks huma distanti 1.2 metri minn xulxin bil-kejl mehud mill-gewwa tal-hxuna tar-rota. Dawk li jibqghu dehlin taht il-vettura huma distanti **biss** metru minn xulxin. Dan ifisser illi l-imputat kellu jkun emmnut meta xehed li dawk il-marki ta' brejkijiet ma kienux tieghu. Inoltre, l-ewwel u t-tieni sett ta' marki ma humhiex fl-istess trajettorja ghaliex dawk li jibqghu sejrin taht il-vettura huma f'angolu in rispett tal-ewwel sett ta' marki;

27. Kwantu l-brejk difettuz fil-vettura, l-espert irrelata li dak tar-rota tal-lemin ma kienx qed jahdem tajjeb ghaliex meta ezamina l-vettura hu stess " l-brake tan-naha tal-lemin ma kienx qed jorbot sew u rrizulta illi l-*hydraulic oil* ma kienx qed jidhol pressa kemm suppost (pagna 9 tar-relazzjoni, fol 69 tal-atti processwali). Quddiem l-ewwel Qorti xehed illi "a fol 56 fir-4 paragrafu iddikjarajt illi meta jien pruvajt din il-vettura manifestament harget car illi l-breakijiet kienu difettuzi fejn din kienet qed tigbed lejn naha wahda biss, jigifieri l-istearing kien jigbed fuq naha wahda, mhux jibqa' dritt kif suppost. Dan jirrizulta awtomatikament illi ic-cylinder break tal-wheel cylinder kien qed jahdem qabel l-iehor b'hekk jigifieri";

28. Kwantu ghal dan l-allegat difett, kienet x'kienet il-kawza tieghu, il-vettura kellha anqas forza t'arrest fuq in-naha tal-lemin. Minkejja dan, il-brake mark indikat mill-perit Richard Aquilina juri marka kontinwa u iqsar b'nofs metru fuq ix-xellug. Tajjeb li jkun osservat ukoll illi la darba il-brejk tal-lemin ma kienx efficjenti daqs dak tax-xellug, ifisser illi l-vettura ssubiet *asymetric braking* bil-konsegwenza li suppost gibdet ghal fuq ix-xellug taghha u li per konsegwenza ghenet sabiex tevita lill-anzjana. Dak li ma tistax taccetta l-Qorti hu l-argument tal-imputat li ghaliex il-vettura kienet ghaddiet mill-VRT madwar xaharejn qabel allura kollox kien sew. Dan hu argument fallaci

ghaliex vettura tibqa' *road worthy* mhux ghad-durata tac-certifikat izda sakemm ma tizviluppa ebda hsara li tirrendi dak ic-certifikat inutili matul dak il-perjodu. Fi kliem iehor, jekk wara li johrog certifikat tajjeb tal-VRT, l-vettura ssofri hsarat fis-sistema tal-brakes allura ma tistghax tikkuntenta ruhek u tghid li ghandek vettura li hi skond il-ligi sakemm jiskadi dak ic-certifkat. Mill-banda l-ohra, li sewwieq ma jindunax li ghandu diskrepanza fis-sistema tal-brejkijiet hi haga komprensibbli jekk ma jsuqx bi speed u b'tali mod li qatt ma seta' induna biha;

29. Lura ghall-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku, l-ewwel Qorti ma setghetx ma taghtix id-debita mportanza lid-deposizzjoni tal-imputat kif ukoll dik ta' Henry Glenville. Setghet tikkonsidrahom bhala mhux attendibbli jew konflingenti izda li tqis li inghataw diversi verzjonijiet bid-dovut rigward huwa zbaljat ghaliex fil-verita' l-verzjonijiet ma kienux daqstant divergenti li mhux meritevoli ta' kunsiderazzjoni. Maria Mills Muscat ma qalet xejn hlief li kkonfermat illi kien hemm xarabank tal-linja wieqfa u kellha tieqaf warajha u li ma semghet l-ebda hoss ta' brake. Henry Glenville qal li ra l-anzjana taqsam minn wara tal-linja qisha qed taqsam fuq *zebra crossing* u minflok ma qasmet ghad-dritt qasmet b'mod angolat, li allura jfisser li qasmet mill-aktar parti wiesgha tat-triq minhabba l-*bus bay*. L-imputat xehed li ma setghax kien ghaddej b'dak l-ispeed ghaliex il-vann ma tistax issuqu b'dak il-mod. Kulma jiftakar hu li jara haga griza tolqot il-vann tieghu li ghall-ewwel haseb li xi hadd tefghalu qattusa. Jekk ghafasx il-brejk jew le qabel l-investiment huwa minnu li kien xi ftit konfuz izda din mhix haga inkomuni f'kazijiet bhal dawn fejn is-sewwieq spicca mitluf minn sensieh meta nduna h'gara. Wara kollox ma jidhirx li kien qed jittanta jostor il-verita';

30. Tenut dan kollu, l-ewwel Qorti kellha tikkunsidra jekk is-sewqan tal-appellant kienx wiehed, perikoluz, traskurat jew negligenti li ta kawza ghall-investiment u sussegwenti mewt tal-anzjana. Jibda biex jinghad illi l-marki tal-brejkijiet huma essenzjalment prova indizzjarja li allura bhala tali kellu l-ewwel ikun accertat li hija wahda inekwivoka sabiex tikwalifika bhala li tipponta f'direzzjoni wahda;

31. Kif inhu palezement akkolt fil-gurisprudenza in rigward, "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghall-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One*

*strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

32. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan l-insenjament kollu f'paragrafu wiehed bis-segwenti bran:

> *Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista' twassal ghal htija <u>b'mod ragonevoli</u> kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

33. Huwa ghalhekk illi l-ewwel Qorti kellha tezamina bir-reqqa ir-relazzjoni tal-espert tekniku mhux wahidha izda flimkien mal-provi kollha l-ohra. Rizultat tal-indagini taghha, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi s-sewqan tal-imputat kien sia perikoluz, negligenti kif ukoll traskurat. Fil-fehma tal-ewwel Qorti, is-sewqan tal-imputat "ghandu jigi meqjus bhala sewqan perikoluz u negligenti". Fl-istess waqt ikkonkludiet illi "Il-kawza

tal-incident ghalhekk, mill-ottika tal-ligi penali, hija s-sewqan kontra l-ligi u traskurat ta' l-imputat" u dan dejjem bazat fuq il-konkluzzjoni tal-espert li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bi speed ta' 60 kfs u bi brejkijiet difettuzi anke jekk f'dik il-lokalita' kien permess sewqan f'dak il-limitu;

34. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-ewwel Qorti ma setghetx tistrieh b'daqstant rassikurezza fuq ir-relazzjoni tal-espert tekniku bl-eskluzzjoni tal-provi l-ohra liema provi juru illi s-Sinjura Vincenza Ellul qasmet triq principali u traffikuza minn wara xarabank fl-aktar parti wiesgha taghha bmod angolat u rasha baxxuta b'mod li hu aktar indikattiv illi ghamlet hekk minghajr konsiderazzjoni ghat-traffiku fit-triq. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

35. Illi l-appellant ghalhekk ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju, tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull htija u piena;